# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Deemer Tabone**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Deemer Tabone**, numru tal-Karta tal-identita' 476679M fejn ġie mixli talli :

> nhar il-25 ta' Lulju 2015 gewwa Door 3, F16, Triq L-Ordinanza, l-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer bejn 18:30hrs u 23:00hrs bla ordni skont il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Claire Abela kontra l-volonta taghha.
>
> U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddidt bil-fomm lil Claire Abela li toqtolha jew li tqieghdilha hajjitha f'periklu car.
>
> U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta Claire Abela skond kif iccertifikat rnit-tabib Dr. Aldo Fiorini MD mic-Centru tas-Sahha fil-Floriana.
>
> U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkagunajt lil Claire Abela biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd rnill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta inti imissekk kont taf li l-imgieba tieghek kienet ser tikkagunalha biza'.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara fuq mobile phone Samsung Galaxy S5, ghad-detriment ta' Claire Abela, Iiema hsara teccedi I-ammont ta' 250 Euro izda rna teccedix I-ammont ta' 2500 Euro.

U aktar talli sirt recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' April 2013 li saret definittiva.

Il-Qorti hija gentilment mitluba Ii hekk jidhirlha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmijja Claire Abela u l-membri tal-familja taghha jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, jew ghall-iskop ta' protezzjoni ta' l-imsemmi Claire Abela u l-membri tal-familja tieghha, minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Deemer Tabone skond l-Artikolu 412C. tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Artikoli: 86, 87(i)(c), 214, 215, 221(1), 251B

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 25 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Mario Mifsud u Dr. Alfred Abela tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi r-reat ta' l-arrest illegali huwa misjub fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali u jippreskrivi s-segwenti : -

> **86.** Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:
>
> Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tliet ipoteżi differenti u ċjoe dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -

> Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[1]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-**Carmingnani** kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtorita leġittima.[2] Il-**Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' ***carcere privato*** – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) ***carcere privato per equipollenza***. Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' *carcere privato* kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta persuna.

> E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

**Francesco Sav. Arabia**[3] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li :-

> *Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita'

[1] Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[2] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.
[3] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

> pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-liberta' naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta' ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata – kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija *sequestro*. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato.* Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-**Roberti**[4] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jgħid :

> La legge adopera l'espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale

[4] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.

con cui si puo' attentare alla liberta' della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado **o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova;** sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.[5]

**Ferrarotti**, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[6] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-*Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale*, kummentarju

5 Enfażi miżjuda.
6 Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294.

fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[7] jgħid : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale,* e la sua *moralita'.* Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto,* la *detenzione,* il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita',* ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

Dan l-element tal-*moralita'* huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-**Carmignani** li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtorita' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

Bħal **Ferrarotti,** ir-**Roberti** jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-

[7] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

sekwestru illegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' *ragion fattasi*). Biss ir-**Roberti** jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali. Huwa jtenni li dan setgħa jiġi inferit mill-fatt li l-Leġislatur Borboniku qiegħed ir-reat ta' *carcere privato* immedjatament wara r-reat ta' *vie di fatto*. U dan huwa eżattament dak li għamel il-Leġislatur Malti li kkolloka r-reat tal-arrest illegali immedjatament wara r-reat ta' *ragion fattasi*!

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni minn dak mistqarr minn Claire Abela li hija għal xi ħin kienet ġiet maqfula fil-kamra tas-sodda tal-imputat wara li dan sakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda biċ-ċavetta u neħħa l-istess ċavetta mill-bieb. Dan jirriżulta ċar mix-xiehda ta' Claire Abela minn fol 41 sa fol 43. Biss il-fatt li l-bieb kien imsakkar biċ-ċavetta huwa wkoll konfermat mill-

istess imputat fl-istqarrija tiegħu a fol 16 għall-mistoqsija tal-Ispetturi jekk il-bieb tal-kamra tas-sodda kienx imsakkar biċ-ċavetta, huwa jwieġeb li "iva, dejjem hekk nagħmlu". Imbagħad pero meta jixhed viva voce quddiem din il-Qorti a fol 170 u 171 huwa jtenni li l-bieb kien magħluq normali u ma kienx imsakkar. Pressat in kontro-eżami dwar il-fatt li fl-istqarrija tiegħu kien qal li l-bieb kien imsakkar huwa jwieġeb li ma kienx jiftakar li kien qal dan lill-Pulizija.

Din il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha l-imputat, u ċjoe li huwa kien konfrontat bid-dikjarazzjoni tal-maħbuba tiegħu li riedet titilqu u tħassar ir-relazzjoni tagħha minn miegħu u huwa dan ma riedux. Iżda fil-fehma tal-Qorti huwa żbalja fil-mod ta' kif huwa ħaseb li setgħa jġiegħel lill-parte civile iddawwar il-ħsieb tagħha. Mix-xiehda tal-imputat stess, din il-Qorti tifhem ċar li huwa ma riedx li hija tħassar ir-relazzjoni ta' bejniethom fuq inċident li f'għajnejh kien wieħed żgħir u minħabba f'hekk ma riedhiex li titlaq minn kamartu. Ċjoe il-motiv tiegħu kien li jżommha f'kamartu biex tkun kostretta titkellem miegħu u possiblment iddawwar ħsiebha u d-deċiżjoni tagħha u biex iwettaq dan il-motiv huwa fforma l-ħsieb u l-intenzjoni li jżommha f'kamartu anke jekk kontra r-rieda tagħha.

A fol 168 l-imputat jistqarr hekk : -

> Xhud imbagħad minn hemm hekk bqajna nitkellmu għax jiena qed ngħidlek Sur Maġistrat u ma xtaqtx inħassar fuq cucata jigifieri l-

> argument fuq hekk beda imbagħad minn hemm hekk għid mela ma riditx (ridthiex)
>
> Qorti : iddabbar rasha?
>
> Xhud: hekk hu.

Dan huwa wkoll korroborat minn dak li stqarr l-imputat fl-istess stqarrija tiegħu a fol 16 meta għall-mistoqsija tal-Ispetturi għaliex ma **<u>ħalliex</u>** lil Claire Abela titlaq minn għandu huwa wieġeb :

> Biex nirranga s-sitwazzjoni u ghax bzajt li bil-kedda tal-biki kienet ser tinzlilha il-pressjoni u peress li kienet ser issuq bzajt li jigrilha xi haga.

Biss din il-preokkupazzjoni kollha li kellu sparixxiet wara li kien hu li ddeċieda meta u f'liema mument il-parte civile setgħet titlaq minn kamartu. A fol 15 jistqarr hekk : -

> Bdejna nillatikaw u hi qisha kien qed ihossha hass hazin ghax kien hemm hafna shana. Tant kemm hu hekk li anke ilma gibtilha ghalkemm ma xorbitux. Imbaghad bqajna fis-sodda nitkelmu. Ftit qabel giet ommi u x'hin f'dik il-kundizzjoni qaltli biex inhalliha id-dar u sahansitra gabitilha pyjama. Jien bdejt nghidilha biex nibqghu flimkien, mhux bi glied just nitkelmu normali. U hi bdiet tibki mhux biex titlaq imma ghax kie qed jiddispjeciha fuq li gara bejnietna. **<u>Imbaghad ftaht il-bieb</u>**, offendejtha u x'hin kienet niezla t-tarag qbadtha minn idejha u ghidtilha biex nibqghu flimkien. Imbaghad konna fejn il-bieb t'isfel u ergajna poggejna bilqeghd fuq it-targa u qadna nitkelmu b'mod normali. Jien bdejt nipprova nikkonviciha sabiex nibqghu flimkien.

Minn din is-silta dil-Qorti tqis interessanti l-fatt li l-imputat stess jispjega li kien hu li fetħilha l-bieb biex toħroġ, offendiha u hi telqet minn

kamartu u wara ma jiġri warajha hu. Dan ikompli jsaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti li fil-fatt fiż-żmien li damet f'kamartu l-parte civile ma setgħet liberament toħroġ. Tant hu hekk li kien hu li fetħilha l-bieb. Dan juri li hi ma setgħetx verament tiftħu l-bieb kif stqarret fix-xiehda tagħha u dan għaliex kieku riedet toħroġ ma kellux għalfejn jiftħilha l-bieb hu iżda kienet taqbad u tiftaħ il-bieb u toħroġ hi – ħaġa li evidentement ma setgħetx tagħmel għax kien imsakkar mill-imputat.

Inoltre din il-Qorti tqis li l-episodju li għamlet il-parte civile fil-gallarija, ġest xejn razjonali u loġiku, jidher li hu reazzjoni isterika jew kważi għall-fatt li l-parte civile ma kienx possibbli għaliha li titlaq il-barra minn kamartu. Joħroġ ċar mix-xiehda tal-parte civile li matul il-ħin kollu li hija damet fil-kamra tas-sodda tal-imputat wara li nqalgħa l-argument hija ma kienetx komda hemmhekk. U kien meta l-imputat iddeċieda li jħalliha titlaq il-barra li hija setgħet toħroġ minn kamartu u tinżel isfel lejn il-bieb ta' barra tal-komun. U anke hemmhekk jidher li l-imputat baqgħa jsegwiha.

Bid-dovut rispett, l-imġieba tal-imputat f'din ix-xeneġġjata denja ta' rumanz jew soap opera, kienet waħda żbaljata u fil-fehma tal-Qorti, għar-raġunijiet aktar il-fuq espressi, kontra l-Liġi. U għaldaqstant dil-Qorti sejra ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Din il-Qorti ma għandhiex provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat qal **kliem** ta' theddid lill-parte civile. U għalhekk il-Qorti ser tilliberah minn din l-imputazzjoni.

**It-tielet imputazzjoni.**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-parte civile tgħid li l-imputat qabadha minn għonqha biex iżommha milli toħroġ. Biss hi neħħietlu jdejh u x'ħin neħħietlu jdejh huwa laqatha b'idu fuq geddumha. Hi tgħid bil-minkeb. Aktar tard, meta l-imputat kien fetaħ il-bieb u ħalliha toħroġ u mar jiġri warajha, l-imputat qabadha minn idha biex jipprova jżommha. Dan huwa ammess mill-imputat fl-istqarrija tiegħu a fol 15. Huwa jiċħad li refa' jdejh fuq il-parte civile. Biss a fol 101 in kontro-eżami l-parte civile tgħid li meta l-imputat qabadha minn għonqha huwa ma bediex jafasha minn għonqha u hi qalet li għamel dan biex ibeżżagħha eżatt.

Din il-Qorti ma tistax tqis li dan l-episodju jammonta għar-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni. Ma jirriżultax pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat ikkawża offiża ta' natura ħafifa fuq il-parte civile f'dan il-mument meta hija kienet għadha miżmuma f'kamartu. Il-parte civile ittenni li hija ġiet milquta fuq geddumha meta neħħietlu jdejh. Dan ifisser li l-imputat ma kkawżax l-offiżi fuq il-

persuna tal-parte civile b'mod volontarju kif imputat fit-tielet imputazzjoni.

Fuq dan il-punt, il-Qorti sejra ssegwi l-insenjament imnissel mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża nhar l-10 ta' Mejju 2002 fejn similment għal dak li ġara f'dak il-każ, fil-każ in disamina ma ġiex pruvat sodisfaċentement li kemm

(a) mill-movimenti fiżiċi (magħmula mill-imputat waqt li kien qiegħed iżomm lill-parte civile minn għonqha jew meta qabdilha idha) u

(b) mill-grad ta' forza uzata minnu waqt dawn l-episodji

jista' jingħad li l-imputat ippreveda l-possibilita li b'dak li kien ser jagħmel seta' jikkaġuna ħsara u għalkemm ma riedx dik il-ħsara huwa kien indifferenti għall-konsegwenza ta' għemilu b'mod li xorta għamel l-att li kkaġuna l-ħsara (intenzjoni pożittiva indiretta). Iżda l-Qorti hija konvinta moralment li l-imputat, għalkemm ma riedx jikkawża ħsara lill-parte ċivile waqt li qed jipprova ma jħallihiex titlaq jew meta qabadha minn idha biex ma titlaqx, huwa kien xorta fid-dmir li jintebaħ li b'dak li kien qiegħed jagħmel seta' jikkaġuna xi ħsara lill-parte civile. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali għalhekk il-ħsara ma kienetx dolożament ikkaġunata iżda kienet ikkaġunata kolpożament u għalhekk il-ġrieħi sofferti mill-parte civile ma jistgħux f'dan is-sens jitqiesu li kienu offiżi ta' natura ħafifa kaġunati volontarjament mill-imputat, iżda semmai kienu grieħi ta' natura ħafifa ikkaġunati involontarjament filwaqt li l-

imputat kien qiegħed jipprova ma jħallix lill-parte civile titlaq. Konsegwentement l-imputat għandu jiġi ritenut responsabbli ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali u mhux tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-istess Kodiċi.

Il-Qorti ma tistax issib ħtija fuq it-tielet imputazzjoni in kwantu din timputa offiżi kaġunati volontarjament mill-imputat ai termini tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, iżda sejra ssib lill-imputat ħati tar-reat minuri, iżda kompriż u involut f'dak imputat, t'offiża involontarja fuq il-persuna liema offiża kienet ħafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Minħabba dan il-Qorti ma tqisx li tista' ssib lill-imputat ħati tal-kwalifika taħt l-Artikolu 87(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex l-offiża rekata fuq il-persuna tal-parte civile jirriżulta li kienet involontarja u mhux waħda volontarja. U kif intqal aktar il-fuq dil-Qorti ma tqisx li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat qal kliem ta theddid li ġie allegat mill-parte civile.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

Il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Dan jirriżulta kemm mill-lokuzzjoni tal-istess imputazzjoni kif ukoll mill-fatt li l-Prosekuzzjoni tindika l-Artikolu tal-

Liġi b'mod ċar fil-komparixxi. Dan ir-reat huwa kunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju.

Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li
(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor
(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom ***Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez,***[8] ***Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini,***[9] ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis,***[10] ***Il-Pulizija vs Julian Genovese,***[11] ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar,***[12] ***Il-Pulizija vs. Brian Micallef,***[13] fost oħrajn.

---

[8] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007;
[9] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009;
[10] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009;
[11] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010
[12] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011;
[13] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011;

Skont kif mistqarr fis-sentenzi ***Caruana Carabez*** u ***Tivisini***

> f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

Ir-retroxena f'dan il-każ hija assenti kompletament. Terminu ta' żmien li fih jista' jiġi imputat *course of conduct* assenti wkoll. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Il-ħames imputazzjoni</u>**

Il-fatti li taw lok għal din l-imputazzjoni jirriżultaw pratikament ammessi mill-imputat. Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dan ir-reat ġie integrat peress li ġie soddisfaċentement ippruvat li l-imputat ried li jagħmel ħsara lill-handbag u l-effetti mobbli li kien hemm fih.

**<u>Is-sitt imputazzjoni</u>**

F'dan il-każ bis-saħħa tas-sentenza eżibita a fol 17, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-addebitu tar-reċidiva kif imputat u dan peress li l-piena hemmhekk inflitta, bis-saħħa tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla ħsara għal dawk id-disposizzjonijiet imsemmija fl-istess Aritkolu li ma japplikawx għal din il-każ, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dak l-

Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis lill-imputat bħala reċidiv skont kif imputat.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lil **Deemer Tabone mhux ħati** tat-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena u fil-kontemp, wara li rat l-Artikoli 86, 214, 221(1), 226(1)(c) u 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq mhux bil-kwalifika imsemmija fl-Artikolu 87(1)(c), tat-tielet imputazzjoni iżda mhix in kwantu din timputa offiżi kaġunati volontarjament mill-imputat ai termini tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, iżda sejra ssib lill-imputat ħati tar-reat minuri, iżda kompriż u involut f'dak imputat, t'offiża involontarja fuq il-persuna liema offiża kienet ħafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-ħames imputazzjoni u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' disa' xhur priġunerija. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' sena millum il-ħati jikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat

ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28H(1)(7) tal-Kodiċi Kriminali u flimkien mal-piena aktar fuq inflitta il-Qorti qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tordna lill-ħati sabiex iħallas lil Claire Tabone is-somma ta' mija u sittin euro (€160) fi żmien xaharejn millum u dan prevja ċ-ċerzjorazzjoni lill-imputat bi kliem sempliċi u li jinftiehem dwar ir-responsabbilta' tiegħu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma din id-direttiva.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali testendi l-ordni ta' Protezzjoni misjuba a fol 28 tal-proċess għal-perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din is-sentenza.

**Mogħtija illum il-15 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont